MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 74/2019 LM

**Francis Debono**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Adrian Zammit**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Francis Debono (K.I. 707059M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-15 ta' Diċembru, 2021 [minn issa 'is-sentenza appellata'] li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut **Adrian Zammit**, [hawnhekk 'l-appellat'], laqgħet it-talba tal-attur, iddikjarat li l-filmati mxandra mill-konvenut fuq *Facebook* fit-13 ta' Frar, 2019, fl-14 ta' Frar, 2019 u

fis-16 ta' Frar, 2019 huma libellużi u malafamanti fil-konfront tal-istess attur, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u ħamsin Euro (€850) in linea ta' danni morali, bl-ispejjeż kollha għall-konvenut.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tat-talba tiegħu lill-Ewwel Qorti, l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas somma li ma teċċedix ħmistax-il elf euro (€15,000) in linea ta' danni morali għall-malafama subita mill-attur u dan wara li l-konvenut f'diversi okkażjonijiet, u partikolarment fit-13 ta' Frar, 2019 u fis-16 ta' Frar, 2019, permezz ta' filmati mtella' fuq is-sit soċjali *Facebook,* liema filmati jista' jaċċessahom kulħadd, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil-attur u li jtelliflu ġieħu, għamel libell u/jew inġurja gravi lill-istess attur.

3. Il-konvenut fir-risposta tiegħu wieġeb li l-filmati mtella' minnu ma jikkonċernawx lill-attur, u li hu fl-ebda ħin ma implika lill-attur b'dak li qal. Qal ukoll li hu mhux biss għandu d-dritt iżda wkoll id-dmir li jinforma lill-pubbliku dwar materji ta' interess pubbliku u politiku, u kwalunkwe limitazzjonijiet għal dan id-dritt jammontaw għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni u tal-libertà ġurnalistika in ġenerali. Qal ukoll li l-filmati mtella' minnu fuq is-siti soċjali jittrattaw fatti u kummenti ta' natura soċjali u politika, dwar persuna fittizja maħluqa minnu, u dawn jikkostitwixxu *fair comment* f'soċjetà demokratika. Qal ukoll li l-attur għandu jipprova li sofra xi ħsara għar-reputazzjoni tiegħu minħabba dawn il-filmati.

**Mertu**

4. Fl-*affidavit* tiegħu l-attur spjega li huwa kien ilu Sindku tal-lokalità tal-Marsa għal diversi snin, fejn ġie elett Sindku fi tmien elezzjonijiet konsekuttivi. Spjega li f'dan iż-żmien hu gawda ħafna rispett mir-residenti tal-Marsa. L-attur qal li l-konvenut ilu jgħix fil-Marsa diversi snin, u fl-aħħar xhur kien beda jinżel bil-klieb tiegħu f'post rikreattiv iffrekwentat mit-tfal. L-attur qal li hu personalment kien avża lill-konvenut li ma setax jagħmel dan għaliex il-klieb jistgħu jkunu ta' periklu għat-tfal u għall-ġenituri li jmorru fl-inħawi. Qal li l-konvenut ħadu bl-herra u wara dan l-inċident waqaf ikellmu. L-attur qal li fl-istess post hemm diversi tabelli li jindikaw li f'dan il-post wieħed ma jistax jieħu l-klieb, u għalhekk kull ma għamel kien li ġibed l-attenzjoni tal-konvenut għal dawn it-tabelli, u talbu jħarishom. Qal ukoll li mid-dehra l-konvenut kien ħa għalih u beda kampanja fuq *Facebook* fejn ta' kuljum beda jimmalafamah u jinġurjah. Qal li dawn il-filmati waqfu fl-intensità tagħhom fl-14 ta' Marzu, 2019, meta l-konvenut deher f'kawża kriminali minħabba fastidju li kien qiegħed jagħti lill-attur, u l-Qorti ordnatlu biex ma jsemmix aktar lill-attur fil-filmati, kif ukoll biex jieqaf isegwih, u f'dan ir-rigward imponiet *protection order.* L-attur qal li wara dik id-data, il-konvenut baqa' għaddej bil-filmati, iżda ma baqax jikkritikah u jimmalafamah. Qal li f'dan iż-żmien hu kien iħossu mhedded u persegwitat, għaliex il-konvenut kien isegwih kull fejn imur. Qal ukoll li l-konvenut qatt ma kien jirreferi għalih b'ismu, iżda kienu diversi r-residenti li kienu javviċinawh u jgħidulu bil-kontenut ta' dawn il-filmati. Qal li huwa jemmen li tilef postu bħala Sindku fil-Kunsill Lokali tal-Marsa parzjalment minħabba fir-redikolu li kien qiegħed jesponieh għalih il-konvenut. Qal ukoll li r-riferiment għalih kien ċar,

fosthom billi jallega li l-attur kien jagħmel affarijiet biex jurta lir-residenti tal-Marsa.

5. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, l-attur qal li l-kritika tal-konvenut ma kinitx għall-operat tal-Kunsill Lokali, iżda dan kien jagħmel diversi allegazzjonijiet, fosthom dwar postijiet li jiffrekwenta l-attur.

6. Bint l-attur **Dr Annalisa Debono**, fl-*affidavit* tagħha spjegat li missierha kien ilu Sindku tal-lokalità tal-Marsa għal diversi snin, u l-konvenut minn xhur qabel l-aħħar elezzjoni tal-Kunsill Lokali beda jtella' filmati fuq *Facebook,* li permezz tagħhom kien jirredikola lil missierha. Qalet li dawn il-filmati kienu jibqgħu aċċessibbli fuq il-paġna tal-konvenut minkejja li dan kien imblokka l-aċċess ta' missierha għall-*Facebook* tiegħu, u minkejja li dan kien joqgħod attent sabiex ma jsemmix lil missierha b'ismu, u kien jirreferi għalih b'modi oħra u jgħid li n-nies jafu għal min qiegħed jirreferi.

7. **Carmen Debono**, mart l-attur, fl-*affidavit* tagħha qalet li fl-aħħar xhur qabel saret l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-konvenut kien beda jtella' ħafna filmati fuq il-*Facebook* u jiżżufjetta bir-raġel tagħha. Qalet li dawn il-filmati lil żewġha kienu qegħdin ikidduh. Qalet ukoll li hekk kif il-pulizija infurmaw lill-konvenut li kienet saret kwerela mill-attur kontra tiegħu, dan kien imblokka l-aċċess tal-attur għall-paġna tal-*Facebook* tiegħu.

8. Il-konvenut **Adrian Zammit**, xehed li hu juża l-*Facebook* biex jagħmel il-ġid, u biex jipprovdi divertiment lis-segwaċi tiegħu. Qal li qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali hu ried lir-residenti tal-Marsa jkunu konxji mill-fatt li jekk mhux ser jagħtu kas l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-sitwazzjoni fil-lokal ser tibqa' ma

tmurx għall-aħjar. Qal li huwa ma jużax ismijiet ta’ persuni, u li ma jrid idejjaq lil ħadd. Żied jgħid li huwa kien jikkritika t-tmexxija tal-Kunsill Lokali tal-Marsa kif suppost li jagħmel kull ċittadin fil-lokal, u għal dan il-għan ħoloq karattru fittizju “bil-mustaċċi”, li fil-fehma tiegħu għandu jindirizza l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-residenti tal-Marsa.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-15 ta’ Diċembru, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqgħet it-talba tal-attur, u ddikjarat li l-filmati ppubblikati mill-konvenut fuq il-*Facebook* fit-13 ta’ Frar, 2019, fl-14 ta’ Frar, 2019 u fis-16 ta’ Frar, 2019, huma libellużi u malafamanti fil-konfront tal-istess attur, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta’ tmien mija u ħamsin Euro (€850) in linea ta’ danni morali, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *“Ikkunsidrat;*
>
> *Illi qabel xejn għandu jiġi stabbilit jekk l-attur huwiex identifikabbli mill-pubblikazzjonijiet impunjati u f’każ affermattiv, trid tgħaddi biex tindaga jekk l-istqarrijiet senjalati mill-attur humiex malafamanti fil-konfront tiegħu.*
>
> *Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifkazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-*
>
> “A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be ‘of and concerning’ the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.” (*fn. 3 Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins QC. 5.01, p. 105)*

*Iżid jgħid iżda, illi fil-każ ta' allegat identifikazzjoni permezz ta' deskrizzjoni, ritratti jew filmati, il-persuna aggravata jinkombi lilha wkoll l-oneru tistabbilixxi illi kien hemm persuni li effettivament identifikawha mir-ritratt jew filmat impunjati.*

*Illi kwantu għall-identifikazzjoni tal-attur fil-pubblikazzjonijiet ossia filmati mxandra mill-konvenut, il-Qorti rat tliet filmati ppubblikati mill-konvenut fit-13 ta' Frar, 2019, l-14 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2019 u miżmumin ferm il-fatti fuq esposti li dwarhom mhemmx kontestazzjoni, hija fehmet minnufih illi f'dawk is-siltiet mill-filmati impunjati fejn is-soġġett tal-monologu tal-konvenut jew id-djalogu f'xi telefonata (fosthom il-Barbier) jittratta l-elezzjoni li ġejja tal-Kunsill Lokali u wħud mill-kandidati (fn. 4 fosthom xi ħadd b'kunjomu Scerri u ieħor b'kunjomu Azzopardi), il-karattru tal-mustaċċun li jinsab fil-mira tat-tmaqdir tal-konvenut* ***jirrappreżenta persuna li ilha involuta fit-tmexxija tal-Kunsill għal ħamsa u għoxrin sena u mhuwiex appoġġjat mill-konvenut.*** *Għall-Qorti din hija referenza mhux daqstant sottili għas-Sindku Francis Debono, identifikabbli ulterjorment fir-referenza kontinwa għall-mustaċċi. Identifikazzjoni li ssir aktar skjaċċanti meta l-konvenut matul xi waqtiet mill-filmati u speċifikament waqt telefonati fejn is-suġġett tad-diskors hu evidentement l-elezzjoni li ġejja u l-mustaċċun, jilbes par mustaċċi foloz griżi jixbħu lil dawk tal-attur, mustaċċi li huma distintivament identifikabbli mal-attur. (fn. 5 ara ritratti esebiti mill-attur Dok. E u Dok. F)*

*Fir-rigward, ġie ritenut:- "*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that he or she was the person referred to." (*fn. 6 Collins, supra, 5.08, p.107)*

*Fid-deċiżjoni fil-każ ta'* ***MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc. (****fn 7 – 2008 BCSC 1432 (para. 20), intqal hekk minn Fenlon J:-*

*"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility."

*Il-Qorti, li mhijiex daqshekk intiża fuq ix-xena politika tal-Marsa, fehmet minnufih anke mill-ewwel filmat fl-isfond tal-kampanja elettorali fil-lokal tal-Marsa u li l-mustaċċun huwa effettivament il-persuna li dak iż-żmien kienet tmexxi l-Kunsill u hija wkoll kandidat għall-elezzjoni: "*Ħamsa u għoxrin sena li ilek fil-kariga"; "Talli nħassrek minn fuq il-lista". ***Aħseb u ara l-Marsin li raw il-filmati kemm ikunu fehmu aktar malajr li r-referenza li kien qed jagħmel il-konvenut għall-mustaċċun hija tabilħaqq referenza għall-attur is-Sindku Francis Debono, bħalma del resto fehmuha b'mod evidenti d-diversi residenti li ċemplu waqt il-filmati*** *biex jikkondividu l-fehmiet tal-*

*konvenut dwar il-mustaċċun jew biex jesprimu l-appoġġ tagħhom għalih. (fn. 8 F'telefonata ma' persuna anonima, filmat tat-13 ta' Frar, 2019 u 14 ta' Frar, 2019, saret referenza għalih bħala l-"King".) Din l-assoċjazzjoni tinsilet ulterjorment mis-segwenti siltiet ċitati espressament mill-attur fid-dokument anness mal-Affidavit tiegħu (fn. 9 Pendrive Dok. D):-*

"... **Biex toqgħod tagħmel hekk u tagħmel hekk għax ġejja l-elezzjoni**, biex tagħmel in-nies bżar fl-għajnejn, **mela n-nies nesew dawk il-25 sena terturi li tajthom? U l-kameras mela m'għamilthomx? Għad baqalek sa Mejju biex tagħmilhom u anke jekk tagħmilhom ta għax mintix tiela'**. Mela n-nies tal-Marsa qed taħsibhom ċwieċ? **U jridu jkunu altru ċwieċ biex ituk l-unu u min itik l-unu għax ipappi miegħek, ma tarax ħa niġi jien u ntik l-unu, jien lilek mhux talli ma ntikx l-unu, talli nħassrek minn fuq il-lista, ma teżistix."** *(fn. 10 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: - 49:01) (enfasi tal-Qorti)*

"Mela l-Marsin ċwieċ? **Ħa jinsew dawk il-25 sena ta' terturi** minn dak il-katoj mustaċċun? ... Għax għadda ż-żmien li titmejjel bin-nies issa. Ma jmurx joqgħod idoqq it-trumbetta." (*fn. 11 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: - 28:08) (enfasi tal-Qorti)*

"Fejnhom il-kameras? **Hu ma jagħmilhomx għax parti mill-finanzi jonfoqhom fuq xi ħaġa oħra,** xi villeġġatura, ma jaqbillux jagħmel kameras ħalli ħadd ma jaqbad lil ħadd" *(fn. 12 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: 24:42)*

"Aħna l-importanti li tal-mustaċċi jdabbar rasu." *(fn. 13 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: 12:40)*

"**Qed iħabbat il-bibien ukoll tal-mustaċċi,** interessanti, ma jistħix! ... Tiegħi ma jħabbtux, għax jaf kif nilqgħu. Dan min hu? **Qas biss tela' bil-voti, tela' imbruljunament."** (*fn. 14 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: 6.04) (enfasi tal-Qorti)*

"Vera li ħadd mhu 'l fuq mil-Liġi imma lanqas hu sew, **li min tela' bis-sew, nagħmlulu kif għamlulu u nħalli lil dan il-mustaċċun għal 25 sena għax ma jkunx hemm bniedem min jikkompetilu, mhux għax ma jkunx hemm, imma għax hu qarrieq, jaf minn fejn għandu jgħaddi, dawk il-par mustaċċi**, qisu fenek, imma issa għandkom iċ-ċans, ħa joħorġu żewġt iżwiemel fuq il-Marsa, li huma Azzopardi u Martin, għalija mhemmx oħrajn." "Jekk ħa toqogħdu tmexxu l-voti ta' dak u tal-ieħor u 'l hemm u 'l hawn, ħa jibqa' dal-mustaċċun imbroljun, dal-katoj li ma jstax jara trumbetta li ma jdoqqhiex." *(fn. 15 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: - 5:35) (enfasi tal-Qorti)*

"Aħna l-aqwa li tal-mustaċċi jdabbar rasu." (*fn. 16 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: 00:46)*

"Ilna ħamsa u għoxrin sena l-Marsa taħt kalvarju." (*fn. 17 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: 00:32)*

*"***Biex titmejjel bihom sewwa issa li ġejja l-elezzjoni, waħħaltilhom żewġ arbli tad-dawl**, biex min ikollu jagħmel, iktar jara x'jagħmel lil din in-naħa." (*fn. 18 Filmat tat-13 ta' Frar, 2019: -44:28) (enfasi tal-Qorti)*

*Għandu jingħad ukoll illi anke fil-filmat tal-14 ta' Frar, 2019, hu pjuttost ovvju li r-referenza għall-mustaċċun hi għas-Sindku għaliex minnufih il-konvenut isellem lil kunsillier li mhuwiex ħiereġ għall-elezzjoni tal-Kunsill u mbagħad jaqbeż minnufih għall-mustaċċun li diversament, ħiereġ għall-elezzjoni u, bħalma diġà ġie stabbilit, il-konvenut m'għandux grazzja miegħu. F'dan il-filmat, ir-referenza għall-attur bħala s-Sindku tal-Marsa tinsilet faċilment mis-segwenti silta:-*

*"*Jien naħdem ħafna minn wara l-kwinti mingħajr ma ndoqq trombi, **mingħajr ma naqta' żigarelli kif jagħmel dak tal-mustaċċi"**, **"dak meta jagħmel xi ħaġa jnaddaflek xi triq, tara jippostja fuq ir-ritratti**, ara bħal dak li qallu, it-triq kienu jnaddfuha l-ġirien waħidhom." (*fn. 19 Filmat tal-14 ta' Frar, 2019: -21:10)*

*Imbagħad, fl-aħħar filmat, dak tas-16 ta' Frar, 2019, il-konvenut jirreferi espressament għall-elezzjoni li ġejja u l-attur huwa kjarament identifikabbli fir-referenza għall-ħamsa u għoxrin sena ta' terturi mill-"*kbir tagħna":-

*"*... għax riesqa t-tellieqa, forsi n-nies jilħqu jinsew dawk il-ħamsa u għoxrin sena li għamlu terturi u jieħdu daqsxejn ruħ meta tersaq l-elezzjoni f'Mejju." *(fn. 20 Filmat tas-16 ta' Frar, 2019: -47:23)*

*"***Dan il-fondi li jirċievi ma jagħmel xejn bihom il-Marsa għax il-kbir tagħna jtih u jdaħħalhom ġo butu**, ipappu dawk l-erbgħa li jkun hemm miegħu, dawk il-fniek u daqshekk." (*fn. 21 Filmat tas-16 ta' Frar, 2019: -41:11) (enfasi tal-Qorti)*

*"*Nixtieq ngħid proset lil dak il-mustaċċun, li weħlilna t-tabelli biex ma nniżżlux il-klieb fil-playing grounds, mela x'ħa nniżżlu qtates?" *(fn. 22 Filmat tas-16 ta' Frar, 2019: -7:04)*

*Għalkemm il-konvenut xehed illi huwa ma kien qed jirreferi għal ħadd u li l-mustaċċun huwa karattru vvintat, għall-Qorti ma tridx wisq intelliġenza jew ħila biex fil-kuntest tas-suġġett li kien qed jiġi diskuss u fl-isfond tal-kritika kontinwa tal-mustaċċun b'rabta ma' kull ħaġa negattiva li għandha x'taqsam mal-lokal tal-Marsa u l-attivitajiet li kien iwettaq dan il-karattru, wieħed jifhem illi l-mustaċċun huwa effettivament is-sindku tal-lokal tal-Marsa. Il-Qorti tistmerr il-mod kif minkejja li hu ovvju għal kull persuna li hi dodata b'intelliġenza ordinarja u li joqogħdu fil-lokal tal-Marsa u jew jafu lill-attur, li r-referenza għall-mustaċċun hija referenza skjaċċanti għall-attur, il-konvenut deherlu li seta' jgħaddi ż-żmien billi jipprova jipperswadi li huwa kien qed jikkritika lil xi pupu jew karattru immaġinarju sempliċement għaliex*

*ma semma lil ħadd b'ismu, nonche' s-Sindku tal-Marsa: ma jidher l-ebda pupu fil-filmati u lanqas jidher li l-konvenut qiegħed jindirizza lil xi pupu.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi stabbilit li fir-referenzi fil-filmati ppubblikati mill-konvenut għall-mustaċċun, huwa identifikabbli l-attur, il-Qorti trid tgħaddi biex tiddetermina jekk is-siltiet impunjati mill-attur fil-pubblikazzjonijiet imsemmija fir-Rikors promutur humiex diffamatorji fil-konfront tiegħu.*

*L-attur jiddikjara li huwa ħassu inġurjat b'diversi stqarrijiet li għamel il-konvenut fil-konfront tiegħu matul il-filmati impunjati. Is-segwenti huma **<u>uħud</u>** minn dawk l-istqarrijiet identifikati mill-attur bħala diffamatorji f'Dok. D anness mal-Affidavit tiegħu (fn. 23 File intestat "Adrian Zammit (Transcripts – Facebook videos):-*

- ***Filmat tat-13 ta' Frar, 2019***

"Nixtieq ngħid proset lill-mustaċċun għax ir-riklami tiegħi qed jaslu, talli neħħilha l-barmil taż-żibel lil Mary minn hawn. Għalfejn noqgħod ngħidlek jien ja biċċa ta' fenek bil-mustaċċi? Biex toqgħod tagħmel hekk u tagħmel hekk għax ġejja l-elezzjoni, biex tagħmel in-nies bżar fl-għajnejn, mela n-nies nesew dawk il-25 sena terturi li tajthom? U l-kameras meta m'għamilthomx? Għad baqalek sa Mejju biex tagħmilhom u anke jekk tagħmilhom ta mintiex tiela'. Mela n-nies tal-Marsa qed taħsibhom ċwieċ? U jridu jkunu altru ċwieċ biex ituk l-unu u min itik l-unu għax ipappi miegħek, ma tarax ħa niġi jien u ntik l-unu, jien lilek mhux talli ma ntikx l-unu, talli nħassrek minn fuq il-lista, ma teżistix." (*fn. 24 -49:01)*

"Biex titmejjel bihom sewwa issa li ġejja l-elezzjoni, waħħaltilhom żewġ arbli tad-dawl, biex min ikollu jagħmel, iktar jara x'jagħmel lil dik in-naħa u inti taf x'jagħmlu għax jiena narak bit-tromba tissendika u toqgħod itteftef il-karfus, ilni narak u ma nparla xejn għax inkun bil-Goffy u l-Goffy toqgħod tħares lejk, **allaħares ikun għaddej xi tifel u jarak mal-ħaxix hemm kokka, dakinhar għidtli qed taqbad il-katerpillars, kont ser ngħidlek xi tkun qed taqbad mhux il-katerpillar hemm hekk."** (*fn. 25 44:28)*

"Kemm tħobbu kbir l-apparat?" (*fn. 26 46:35)*

**"Anke rajtu hemm jaqla' l-karrotti mill-għalqa ta' Żaren, m'għandekx biex tixtri erba' karrottijiet ja mbruljun?** Imbagħad Żaren miskin imur u ma jsibx karrotta waħda, mela kemm tiekol zunnarija? Sewwa ngħidlek li qisek fenek." *(fn. 27 45:49)*

"Vera li ħadd mhu 'l fuq mil-Liġi imma lanqas hu sew, li min tela' bis-sew, nagħmlulu kif għamlulu u nħallu lil dan il-mustaċċun għal 25 sena għax ma jkunx hemm bniedem min jikkompetilu, mhux għax ma jkunx hemm, **imma għax hu qarrieq, jaf minn fejn**

**għandu jgħaddi**, dawk il-par mustaċċi, qisu fenek, imma issa għandkom iċ-ċans, ħa joħorġu żewġt iżwiemel fuq il-Marsa, li huma Azzopardi u Martin, għalija mhemmx oħrajn." "Jekk ħa toqogħdu tmexxu l-voti ta' dak u tal-ieħor u 'l hemm u 'l hawn, **ħa jibqa' dal-mustaċċun imbruljun**, dal-katoj li ma jistax jara trumbetta li ma jdoqqhiex." (*fn. 28 5:35) (enfasi tal-Qorti)*

- ***Filmat 14 ta' Frar, 2019***

"Ta' xejn jixtrihom **dawk il-pilloli l-blu**, ma jistħix ta." *(fn. 29 42:28)*

"Kien bix-xorts tal-Hello Kitty dalgħodu tal-mustaċċi." (*fn. 30 39:55)*

- ***Filmat tas-16 ta' Frar, 2019***

**"**Għax jekk jitla' hu, festa tal-važelina jkun hawn ta' u kulħadd jiżloq, ja važelinu, rajtu llum". "Insemmuha važelina power, jew katoj power kollox jixraqlu. **U imbruljun ifhimni** tagħmillu ġid eh", "ara jien mal-gargamella nxebbħu" (*fn. 31 56:15)*

**"Dan il-fondi li jirċievi ma jagħmel xejn bihom il-Marsa għax il-kbir tagħna jtih u jdaħħalhom ġo butu,** ipappu dawk l-erbgħa li jkun hemm miegħu, dawk il-fniek u daqshekk." (*fn. 32 41:11)*

"Taraw lil Marsin qegħdin jonfħu b'dal-katoj mustaċċun, **li jdaħħal biss fil-but u x'imkien ieħor ħa ngħidu hekk imma ejja ngħidu fil-but."** *(fn. 33 29:21)*

"Jew għall-važelina li ma sabx minn hawn jew **mar jixtri dawk il-pilloli l-blu** għax illum Vivienne għalqet kmieni. Għal xi ħaġa niżel hemm, jew **forsi qiegħed jeħodhom bil-kontejners u qed iġibuhomlu diretti."** *(fn. 34 28:16)*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi kwantu għall-identifikazzjoni tal-attur fil-karattru li l-konvenut isejjaħ "mustaċċun" u x-xebħ kontinwu tal-attur ma' fenek li jisraq u jiekol il-karrotti, isib riskontru s-segwenti insenjament:-*

"... the law of defamation is clearly applicable in principle to publications of this type and it is thought that what will be permissible in respect of the private life of a politician or entertainer may not be so if applied to a person in private life. If a person is a public character whose public life or great position is calculated to excite interest, there will be circumstances in which it would be unreasonable to suppose that his portrayal in exaggerated form would tend to injure his reputation in the sense of making him an object of ridicule ... In such a case a representation of him in a form or appearance entirely different from his real form and appearance or in an absurd costume or attitude might well tend to make him an object of ridicule in the eyes of his friends, and so be defamatory of him." (*fn. 35 Gatley 2.12, p. 47)*

*Kif inhuwa risaput, biex jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet humiex diffamatorji għall-fini tal-liġi fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama, il-punt ta' tluq għandu f'kull każ ikun id-determinazzjoni dwar jekk il-kriterju stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, humiex sodisfatti fil-każ in diżamina. Din id-dispożizzjoni tistipola illi* ***stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lejn ir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.***

*Dan ir-rekwiżit tas-serjetà tal-ħsara lir-reputazzjoni, jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-liġi l-ġdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi* threshold *ferm aktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa. (fn. 36 Kap. 248)*

*Il-Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK (fn. 37 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), 2.6, p. 41), jgħid illi t-tendenza li l-imputazzjoni tinċidi negattivament, anke jekk b'mod sostanzjali, fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti biex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taħt id-Defamation Act (UK) 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li effettivament, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bħala diffamatorja, għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda* ***għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni.*** *Dan il-kriterju ta' serjetà huwa meħtieġ ukoll biex jassigura konformità mal-garanzija tal-libertà tal-espressjoni sanċita mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Skont il-Gatley (fn. 38 Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5):-*

"... whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before." (*fn. 39 Bħala parti minn dan l-istħarriġ:- "*Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant. The focus will be on the effect or potential effect of the statement on the reputation, rather than the feelings, of the claimant." – *Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32)*

*Għall-finijiet tal-liġi tal-malafama, il-kelma "reputazzjoni" għandha tinftiehem f'sens wiesa' li jikkomprendi kull aspett tal-pożizzjoni li l-persuna tokkupa fis-soċjetà.*

"In ordinary English usage, reputation is "the general opinion or estimate of a person's character". ... Reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community. ... Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people." (*fn. 40 Collins,* supra, *6.20 u 6.21, Ara wkoll* ***Berkoff v. Burchill –*** *per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA)*

*Għall-finijiet tal-liġi tal-malafama, il-kelma "reputazzjoni" għandha tinftiehem f'sens wiesa' li jikkomprendi kull aspett tal-pożizzjoni li l-persuna tokkupa fis-soċjetà.*

"In ordinary English usage, reputation is 'the general opinion or estimate of a person's character'. ... Reputation is to be interpreted in a broad sense as comprehending all aspects of a person's standing in the community. ... Any imputation which reflects adversely upon a person's character, that is, which expresses or implies some blame to or moral disparagement of, the person – will tend to lower the person in the estimation of reasonable people." (*fn. 40 Collins,* supra, *6.20 u 6.21. Ara wkoll* ***Berkoff v. Burchill –*** *per Neil LJ [1997] EMLR 139 (CA))*

*Ġie ritenut ukoll li t-test li għandu jiġi applikat huwa dak li jistabbilixxi jekk l-imputazzjoni twassalx għal "*a loss of standing in some respect ... on the part of right-thinking members of society generally" *(fn. 41 Collins,* supra, *6.29, pg. 123)*

*Huwa wkoll relevanti, anke għal dak li għandu x'jaqsam mar-raba' eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu dwar il-prova tal-ħsara għar-reputazzjoni, dak li jintqal mill-Gatley fir-rigward:-*

*"*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harms for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation." (*fn. 42 Gatley on Libel and Slander, Twelfth Ed.[2013] 2.6, pg. 41)*

*Dan ifisser illi mhux meħtieġ li l-attur iressaq prova li huwa attwalment ġarrab ħsara f'termini finanzjarji jew tanġibbli jew li r-reputazzjoni tiegħu ntlaqtitx negattivament b'mod konkret bħala riżultat tal-allegat malafama. Konsegwentement, ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut ma treġix.*

*Jiġi osservat ukoll li hu fatt magħruf li l-partijiet kontendenti fil-każ li għandha quddiemha, kienu, talanqas fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet impunjati, entrambi*

*persuni attivi fil-politika lokali: l-attur bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Marsa u l-konvenut bħala kandidat għall-ħajja pubblika. Dan ifisser illi l-attur bħala persuna politika, għandu jaċċetta parametri aktar wiesa' ta' kritika fir-rwol tiegħu ta' membru tal-Gvern Lokali u huwa mistenni li jkun fil-mira ta' kritika, skrutinju u wkoll provokazzjoni mill-ġurnalisti, kif ukoll mill-pubbliku in ġenerali, b'rabta mar-rwol politiku tiegħu. Għalhekk, huwa minnu wkoll illi l-limiti ta' kritika aċċettabbli huma ferm iktar wiesa' kwantu għall-persuna politika li, konsegwentement, hija mistennija li turi iktar tolleranza għall-kritika u espressjonijiet ta' opinjoni li jsiru fil-konfront tiegħu milli kieku kien individwu privat.*

*Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta'* ***Feidek v. Slovakia*** *(fn. 43 App. No. 29032/95, deċiż 12 ta' Lulju, 2001 ECHR), ġie ritenut:*

"74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 §2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July, 1986, Series A no. 103, p. 26 §42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June, 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54)."

*Ikkunsidrat;*

*Kwantu għall-istqarrijiet fuq ċitati – li importanti li jiġi mfakkar li huma* ***biss uħud*** *minn dawk senjalati mill-attur bħala diffamatorji fil-konfront tiegħu – għall-Qorti hu ovvju li bosta minnhom huma sa ċertu punt, umoristiċi u indubbjament ikunu daħħku mhux ftit mill-udjenza tal-konvenut. Fir-rigward huwa ritenut:-*

"A difficult line has to be drawn here for two reasons: first, some degree of humour at the expense of others is generally regarded as part of normal life; secondly, insults which do not diminish a person's standing with others do not found an action for defamation. Words which tend to subject the claimant to chaff or banter or "ribbing" **but which fall short of tending to make him look ridiculous** are not defamatory even if fair comment does not come into play." *(fn. 44 Gately 2.11, page 46). (enfasi tal-Qorti)*

*Dan ifisser illi ċajt u żufjett mhux neċessarjament biżżejjed biex isostnu azzjoni ta' libell u lanqas mhuwa biżżejjed li l-attur iħossu offiż jew redikolat jekk il-kliem mhumiex kapaċi jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Min-naħa l-oħra, hu ġeneralment aċċettat illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kienet jew seta'*

*kienet possibilment involuta sa ċertu grad, f'kondotta illegali, hija kkunsidrata bħala diffamatorja. In propositu ingħad (fn. 45 Collins, supra, 6.10, p.117):-*

*"*Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive ... or incompetent or otherwise unfit for some role."

*Dan kollu, naturalment, għandu jiġi applikat speċifikament tenut in konsiderazzjoni l-pożizzjoni partikolari tal-persuna aggravata.*

*Kif ingħad, l-attur fiż-żmien il-pubblikazzjoni impunjati, kien is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Marsa u kien involut f'kampanja elettorali għal ri-elezzjoni ftit xhur wara. Il-konvenut kien avversarju politiku tiegħu għall-istess elezzjoni u leġittimament, nieda kampanja elettorali kontra l-attur. S'hemmhekk, il-Qorti tqis li m'hemm xejn ċensurabbli daqs kemm m'hemm xejn ċensurabbli fil-kritika intensiva u ħarxa tal-operat tal-attur bħala Sindku tal-Kunsill – għall-kuntrarju, kritika bħal dik hija manifestazzjoni tal-libertà tal-espressjoni li hija permessa f'soċjetà demokratika u hija tabilħaqq intiża biex tippromwovi l-espressjoni libera tal-fehmiet anke għaliex il-limiti tal-kritika permessibbli fil-ħajja pubblika huma ferm wiesa'. (fn. 46 "...* in many cases even the fiercest criticism falls within the defence of fair comment": **Vander Zalm v. Times Publishers** (1980) 109 D.L.R. (3d) 531 BCCA). *Il-Qorti għalhekk tqis li l-kritika tal-konvenut hija aċċettabbli safejn din hija indirizzata għall-operat jew nuqqasijiet tal-attur bħala Sindku tal-Kunsill Lokali fit-tmexxija tal-istess Kunsill u huwa daqstant aċċettabbli li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu kontra ri-elezzjoni tal-attur u n-nuqqas ta' fiduċja tiegħu fih,* multo magis *meta l-attur huwa kandidat għal pożizzjoni pubblika u attwalment jokkupa kariga pubblika u meta l-konvenut innifsu huwa l-avversarju politiku tiegħu u kandidat għall-istess kariga.*

*Fir-rigward ta' kritika minn avversarji fil-kamp politiku, ġie ritenut illi b'mod ġenerali:-*

*"*Right-thinking members of society ... may understand attacks by politicians on one another, **not imputing some base, dishonourable motive, or hypocrisy**, to be fair game in the context of modern political struggle." *(fn. 47* ***Crow v. Johnson*** *(2012) EWHC 1982 (QB), para. 24) (enfasi tal-Qorti)*
*Collins, fil-kummenti tiegħu dwar id-deċiżjoni* ***Lange v. Australian Broadcasting Corp.*** *(fn. 48 (1997) HCA 25) qal hekk fir-rigward:-*

*"*Having regard to the subject matter of government and politics, an object of destroying the election prospects of a candidate, **without more**, is not an improper motive." (*enfasi tal-Qorti)*

*Madanakollu, il-konvenut fil-kritika tiegħu tal-attur u biex inaqqaslu l-prospett li jiġi ri-elett bħala Sindku, evidentement ma għarafx jieqaf mal-konfini taċ-ċajt sempliċi u l-kritika leġittima, għad illi dawn huma ferm wesgħin fil-każ tal-attur bħala persuna pubblika u fl-isfond tal-kampanja elettorali, iżda ttraskorrihom mhux bi ftit meta bi kliem dirett kif ukoll indirett, iddeskriva lill-attur jew wassal imputazzjoni li huwa* ***imbruljun, fieragħ, qammiel u inkompetenti, li ġie elett b'mod qarrieqi u li jdaħħlu f'butu l-fondi pubbliċi minflok jużahom għall-ġid tal-lokal,*** *kif ukoll meta huwa penġa lill-istess attur bħala* **bniedem nittien** *(fn. 49 Ara referenzi ripetuti għal "pilloli blu" u l-kwantitajiet kbar li jixtri l-attur, kif ukoll referenzi għall-attur għaddej liebes shorts tal-Hello Kitty, li jħobbu "kbir l-apparat" ("dak tal-batteries"), inemmes bit-tromba u joqgħod "kokka fil-ħaxix")* ***u lagħqi li jħobb jindiehes ma' ħaddieħor.*** *Dawn l-imputazzjonijiet meħudin fl-assjem tagħhom – għad li wħud minnhom imdawrin b'saff ta' umoriżmu – huma indubbjament propensi u ta' kalibru li jnaqqsu l-kunfidenza pubblika fih kif ukoll jiskreditawh fil-funzjoni pubblika tiegħu, jumiljawh f'għajnejn il-persuni li eleġġewh u s-soċjetà in ġenerali u jqanqlu ċertu element ta' stmerrija fil-konfront tiegħu. (fn. 50 "*Thus, even bearing in mind that the applicant is a politician, who "inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large and must display a greater degree of tolerance" (see the Oberschlick (no. 2) judgment, cited above, § 29), the Court finds that the article at issue was indeed an understandable ground for indignation" – **Andreas Walb v. Austria** [App. 24773/94] ECHR 21.2.2000). *Dan meta l-kariga pubblika tal-attur tesiġi serjetà u integrità.*

*Għalkemm, kif diġà ngħad, il-filmati in diżamina għandhom xeħta ċajtiera, il-Qorti fehmet illi l-istqarrijiet impunjati huma effettivament intiżi biex fl-aħħar mill-aħħar, jixxaqilbu l-bilanċ fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali kontra l-attur sewwasew billi jirredikolawh fil-kariga tiegħu ta' Sindku, iwaqqgħuh għaż-żufjett u jnaqqsulu ġieħu, jumiljawh u jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tiegħu. Applikati l-prinċipji u l-insenjament fuq rapportati, il-Qorti tqis li dawn l-istqarrijiet jilħqu effettivament dan il-għan u hija wkoll tal-fehma illi* ***kumulattivament kif ukoll miżmum ferm ir-rikorrenza intensiva tagħhom fil-filmati in diżamina, l-istqarrijiet huma diffamatorji għall-attur għaliex jesponuh għar-redikolu b'mod gravi, inaqqsulu ġieħu u jsawruh f'oġġett taż-żufjett, inkompetenti fil-kariga pubblika tiegħu kif ukoll bħala persuna ta' mġieba u xeħtiet mhux xierqa għal kariga pubblika.*** *Dan kollu magħdud hawn, fl-agħar ipotesi, kapaċi jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur mhux biss fil-kariga pubblika tiegħu iżda wkoll b'mod ġenerali.*

*Naturalment, il-Qorti mhux sejra toqgħod tispekola dwar ir-raġuni għaliex l-attur ma ġiex elett bħala Sindku u jekk dan kienx dovut b'xi mod lill-filmati tal-konvenut.*

*Għalkemm, kif ingħad, bħala kandidat għall-kariga pubblika l-attur kellu jistenna li jkun fil-mira ta' kritika anke dik ħarxa, mhuwiex mistenni li jittollera dik il-kritika li teżorbita l-limiti tal-libertà tal-espressjoni. (fn. 51 Fl-affidavit tiegħu l-attur għamel enfasi wkoll fuq il-fatt li fil-filmati tiegħu l-konvenut spiss jirreferi għall-postijiet li jkun żar l-attur fl-istess ġurnata jew fil-jiem ta' qabel, tant illi wieħed jista' jiġbed faċilment il-konlużjoni li huwa qed ikun mgħarraf minn terzi bil-movimenti tal-attur. Il-Qorti tifhem li r-referenza kontinwa għal dawn il-movimenti seta' kien ta' fastidju għall-attur u seta' wkoll ikkostitwixxa reat kriminali iżda dan mhuwiex relevanti għall-fini tas-suċċess tal-azzjoni ta' libell għaliex kif ingħad, din tista' tirnexxi biss bi prova tal-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u għalhekk jeżorbita l-parametri tal-azzjoni odjerna.")*

*Biex tittratta aktar speċifikament l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-istqarrijiet impunjati jikkostitwixxu kummenti soċjali u politiċi u jikkonċernaw materji ta' interess pubbliku, il-Qorti bla tlaqliq tgħid li m'għandux raġun. Għall-kuntrarju, kif diġà stabbilit, il-kummenti tal-konvenut li huma impunjati mill-attur, ma fihom l-ebda sostanza jew valur politiku u effettivament, għajr għall-kritika tal-operat tal-attur fit-tmexxija tal-Kunsill Lokali, dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' materji ta' interess pubbliku. Inoltre, il-fatt li dawn il-kummenti saru fil-kuntest ta' kampanja elettorali politika u b'xeħta ċajtiera ma jagħmel xejn biex jiġġustifika jew inaqqas mill-estremi ta' żeblìħ u vessazzjoni a skapitu tal-attur. Effettivament, għalkemm l-istqarrijiet tal-konvenut huma diretti fil-konfront ta' politiku u kwindi persuna pubblika, bosta minnhom ma għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mat-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi tiegħu jew għall-kondotta tiegħu fuq livell politiku jew mar-rwol tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Marsa, u ma jikkontribwixxu assolutament xejn għal dibattitu ta' interess pubbliku ġenerali.*

*Kwantu għall-allegazzjoni li l-istqarrijiet impunjati jikkostitwixxu kumment ġust, il-Qorti tosserva li l-konvenut ma ressaq l-ebda provi kwalsiasi in sostenn tal-kriterji għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta, qabel magħrufa bħala "kumment ġust". Effettivament, huwa naqas b'mod assolut milli jissodisfa r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(2) tal-Att u speċifikament, naqas milli juri li dawk l-istqarrijiet li jikkostitwixxu dikjarazzjonijiet ta' opinjoni fihom xi bażi fattwali jew li persuna onesta setgħet tikkondividi l-fehmiet tiegħu abbażi ta' fatti li eżistew dak iż-żmien.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti qieset min-naħa waħda, il-fatt illi d-dikjarazzjonijiet impunjati saru fil-konfront ta' persuna*

*pubblika mingħajr ma ntwera li dawn jirriflettu l-kondotta fattwali tiegħu fil-kariga pubblika li jokkupa il-fatt li l-imputazzjonijiet ġew pubblikati fuq pjattaforma tal-midja soċjali li hi aċċessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni u l-fatt illi effettivament, mill-filmati nfushom jirriżulta li diversi persuni raw dawn il-filmati; il-fatt li ma sar l-ebda tentattiv biex l-imputazzjonijiet jiġu sostanzjati b'xi provi; il-fatt li dawn il-filmati kkaġunaw fastidju kif ukoll qies sostanzjali ta' umiljazzjoni lill-attur u l-fatt li mhux biss ma saret l-ebda apoloġija lill-attur, talli l-filmati impunjati baqgħu aċċessibbli sal-lum il-ġurnata.*

*Min-naħa l-oħra, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi huma l-Marsin iktar minn ħaddieħor li jkunu fehmu li l-istqarrijiet impunjati kienu dwar jew jikkonċernaw proprju lill-attur. Il-fatt li mhux kull persuna li lilha ġew ippubblikati dawn il-filmati tkun neċessarjament u effettivament fehmet dan, għandu jinċidi mhux ftit fuq il-likwidazzjoni tad-danni. Il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-interess tal-proporzjonalità fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata lill-attur u dan bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 11 tal-Att.*

*Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li għandha tillikwida s-somma ta' tmien mija u ħamsin euro (€850) in linea ta' danni morali.*

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi li filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tal-attur, tiddikjara li l-filmati ppubblikati mill-konvenut fuq Facebook fit-13 ta' Frar, 2019, 14 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2019, huma libellużi u malafamanti fil-konfront tal-istess attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u ħamsin euro (€850) in linea ta' danni morali. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.***

***B'applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-konvenut sabiex minnufih jieqaf juri l-materjal li fih id-dikjarazzjonijiet malafamanti."***

## L-Appell

10. L-appelant ħassu aggravat b'dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellat ġie ordnat iħallas €850 in linea ta' danni morali, u għalhekk interpona appell minnha permezz ta' rikors tal-appell tal-14 ta' Jannar, 2022, fejn talab lil

din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li sabet li l-istqarrijiet in kwistjoni tal-appellat kienu libellużi u malafamanti, u tvarjaha fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni morali, billi tawmenta d-danni li għandhom jitħallsu lilu mill-appellat.

11. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti qieset diversi ċirkostanzi għal-fini ta' likwidazzjoni tad-danni, fosthom il-fatt li d-dikjarazzjonijiet impunjati saru fil-konfront ta' persuna pubblika mingħajr ma ntwera li dawn jirriflettu l-kondotta fattwali tiegħu fil-kariga pubblika li kien jokkupa; il-fatt li dawn l-imputazzjonijiet ġew ippubblikati fuq pjattaforma aċċessibbli minn numru indefinit ta' persuni; il-fatt li jirriżulta li kienu diversi l-persuni li raw dawn il-filmati; il-fatt li ma sar l-ebda tentattiv sabiex dawn l-imputazzjonijiet jiġu sostanzjati bi provi; il-fatt li dawn il-filmati kkaġunaw fastidju u umiljazzjoni lill-appellant; il-fatt li ma saret l-ebda apoloġija lill-appellant, u l-fatt li l-filmati baqgħu aċċessibbli. Iżda fil-likwidazzjoni tad-danni morali li jridu jitħallsu mill-konvenut, il-Qorti qieset ukoll li kienu n-nies tal-Marsa aktar minn ħaddieħor, li fehmu l-istqarrijiet impunjati, u li mhux kull persuna li rat dawn il-filmati fehmet għal xiex kien qiegħed jirreferi l-appellat. L-appellant qal li l-filmati li jtella' l-appellat fuq il-profil tiegħu tal-mezzi soċjali għandhom diversi segwaċi, u l-mod kif l-appellat jipproġetta ruħhu fil-programm tiegħu jqanqal ħafna interess.

12. L-appellant qal li hu kien ilu Sindku tal-lokalità tal-Marsa għal bosta snin, u minħabba r-realtajiet tal-lokal, huwa kellu preżenza qawwija fuq il-midja, b'tali mod li kulħadd jaf li l-appellant huwa s-Sindku tal-Marsa. Qal li l-istqarrijiet malafamanti u libellużi kienu tant ovvji, li anki nies li ma jgħixux il-Marsa setgħu jifhmuhom u jaslu għall-konklużjonijiet dwarhom. Qal li l-istqarrijiet libellużi li saru fil-konfront tiegħu, ma jeħtiġux li persuna tkun tgħix il-Marsa biex

tifhimhom. L-appellant għamel riferiment għall-kliem speċifiku li ntuża mill-appellat, u qal li anki persuna ordinarja li ma tgħixx il-Marsa, tasal biex tinferixxi li s-Sindku huwa persuna li jiffavorixxi u jimla l-but ta' min jivvutalu, u li s-Sindku huwa persuna li jilħaq salib in-nies, jew inkella li s-Sindku hu bniedem li jagħmel affarijiet żienja. L-appellant qal li b'dikjarazzjonijiet oħra li għamel l-appellat, dan inferixxa li s-Sindku hu persuna li jagħmel atti ta' omosesswalità.

13. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-gravità u l-frekwenza tal-malafama. Qal li l-appellant lilu ma mmalafamahx f'ċirkostanza waħda u b'mod iżolat, iżda mmalafamah f'aktar minn okkażjoni waħda u tal-anqas fi tliet programmi. Qal ukoll li din il-malafama ħadet ix-xejra ta' assassinju tal-karattru, billi huwa ġie mpinġi bħala persuna omosesswali, li jħobb lit-tfal, li jagħmel atti żienja fil-pubbliku, li jindiehes man-nies għall-gwadann personali, u li huwa frodist u inkapaċi. Qal li l-Ewwel Qorti lanqas ma apprezzat b'liema intensità saru dawn l-istqarrijiet, fejn għandu jirriżulta li kien hemm element qawwi ta' kattiverija bil-ħsieb li l-appellant ma jerġax ikun Sindku. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti lanqas m'apprezzat it-trawma li l-appellant, martu u bintu għaddew minnha minħabba f'dawn l-allegazzjonijiet.

14. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 11(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama[1], u qal li ma jirriżultax b'liema mod l-Ewwel Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-kapaċità ekonomika tal-appellat. L-appellant qal li mill-atti ma jirriżultax li l-appellat ġab prova waħda dwar il-mezzi tiegħu, u li ftit wara li

---

[1] "Fil-valutazzjoni tas-somma li għandha tingħata f'azzjoni għall-malafama l-Qorti għandha b'dak il-mod li hija tqis li huwa xieraq fl-interess tal-proporzjonalità tiegħu in konsiderazzjoni wkoll il-kapaċità ekonomika tal-konvenut u l-impatt li l-ħlas tas-somma li għandha tingħata aktarx ikollu fuq il-gazzetta, ix-xandir, is-sit elettroniku, il-ġurnalist jew persuna oħra li tipparteċipa fil-midja."

ngħatat is-sentenza dan tella' filmat fejn qal li kien hemm min offrielu s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti u hu rrifjutaha, filwaqt li qal ukoll li huwa kieku kien iżid mitejn Euro oħra u jillikwida d-danni fl-ammont ta' elf euro. L-appellant qal ukoll li minkejja li l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellat jieqaf ixandar il-filmati, dan mhux talli ma waqafx, talli reġa' ġġirahom fit-18 ta' Diċembru, 2021. Qal li għalhekk ma jidhirx li l-ammont ta' €850 serva ta' deterrent jew li ser iservi ta' deterrent fil-futur, u għalhekk l-appellat mhux ser joqgħod jaħsibha darbtejn biex iżeblah, jikkalunja jew jimmalafama persuna meta jaf li jista' jeħel biss l-ammont ta' €850 bħala danni. L-appellant qal li l-ħsara li saritlu mhiex ser tissewwa bl-ebda kumpens finanzjarju, u s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti mhijiex proporzjonata għall-ħsara li saritlu, u li kellha tkun viċin il-massimu permess bil-liġi.

15. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, għalkemm għamel sottomissjonijiet *viva voce*.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tal-appellant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, u filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet imressqa mill-appellat. L-appellant jgħid li minkejja li huwa jaqbel ma' dik il-parti tad-deċiżjoni fejn l-Ewwel Qorti sabet li l-filmati mxandra mill-appellat huma malafamanti u libellużi fil-konfront tiegħu, huwa ma jaqbilx mal-likwidazzjoni tad-danni morali li għamlet l-Ewwel Qorti, u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-ammont ta' tmien mija u ħamsin Euro (€850) mhux ser iservi ta' deterrent biex l-appellat ma jirrepetix dak li għamel.

17. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata għax filwaqt li qieset li l-appellat għamel ċerti dikjarazzjonijiet fil-konfront ta' persuna pubblika, u li dawn id-dikjarazzjonijiet saru fuq pjattaforma li hija aċċessibbli minn għadd infinit ta' persuni, bir-riżultat għalhekk li dawn il-filmati rawhom ħafna nies u esponew lill-appellant għall-fastidju u l-intimidazzjoni, qieset ukoll li ċerti dikjarazzjonijiet li saru mill-appellat jinftiehmu biss min-nies tal-Marsa u li mhux kull persuna li rat dawn il-filmati fehmet għal xiex kien qiegħed jirreferi l-appellat. L-appellant qal li kulħadd jaf li huwa s-Sindku tal-lokalità tal-Marsa, kemm għaliex huwa kien ilu Sindku għal diversi snin, kif ukoll għaliex minħabba l-problemi partikolari fil-lokalità, huwa spiss jidher fuq il-mezzi tal-istampa u tax-xandir, u għalhekk kulħadd fehem għal min kien qiegħed jirreferi l-appellat, inklużi nies li ma jgħixux il-Marsa. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza l-intensità li biha saru ċerti dikjarazzjonijiet, l-assassinju tal-karattru tiegħu u l-fatt li huwa ġie mpinġi bħala persuna omosesswali, li jagħmel atti żienja u li huwa frodist u inkapaċi. Qal ukoll li dan is-sentiment l-appellat esprimieh bil-ħsieb li lilu jtellfu ċ-ċans li jerġa' jkun Sindku tal-lokalità. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 11(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama u tillikwida l-kumpens morali li għandu jitħallas lilu wara li tikkonsidra l-mezzi ekonomiċi tal-appellat, liema eżerċizzju ma jirriżultax li sar għaliex l-appellat ma ġab l-ebda prova dwar il-mezzi tiegħu fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti.

18. Il-Qorti kkonsidrat, anki wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-appellat, li l-appellat għandu mezzi limitati u li m'għandux warajh il-magna ta' xi partit politiku stabbilit jew ta' xi kumpannija tal-midja, u li l-filmati mtella'

minnu fuq is-siti soċjali huma maħsuba prinċipalment biex jipprovdu divertiment lis-segwaċi tiegħu. M’hemmx dubju li b’ċerti kummenti li għadda, l-appellat qabeż il-linja tal-prudenza u ta’ dak li huwa aċċettabbli f’soċjetà demokratika, u l-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti. Tqis li l-ammont ta’ €850 likwidat mill-Ewwel Qorti huwa wieħed ġustifikat u proporzjonat, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Il-Qorti taqbel mal-appellant li l-ħsara li huwa sofra mhijiex ser tissewwa bl-ebda kumpens finanzjarju li huwa jista’ jirċievi, iżda dan ma jfissirx li l-ammont ta’ danni li ġie kkundannat iħallas l-appellat mill-Ewwel Qorti, mhuwiex xieraq għaċ-ċirkostanzi tal-każ, jew li dan l-ammont ta’ danni mhux ser iservi ta’ deterrent għall-appellat. Minkejja li l-appellant sostna li wara d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti l-appellat mar fuq il-midja soċjali u implika li l-kumpens seta’ kien akbar, il-Qorti fehmet ukoll li stqarrija bħal din ma kienet xejn għajr ftaħir fieragħ da parti tal-appellat li ħassu urtat li kien ser ikun kostrett iħallas id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti, li għal ħaddiem normali b’salarju ‘medju’ mhux xi ammont insinifikanti. Il-Qorti qieset ukoll li l-appellat mhux persuna li jaħdem fil-qasam tal-ġurnaliżmu, jew li mill-programm tiegħu fuq il-mezzi soċjali għandu xi forma ta’ introjtu. Dan ma jfissirx li l-appellat jista’ jżeblaħ lil min irid, jew jgħid u jimplika li jrid waqt il-programm tiegħu, għaliex kif ġie muri fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u anki f’din is-sentenza, hemm limitu għal kollox. Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li d-danni morali li ordnat li jitħallsu l-Ewwel Qorti, m’għandhomx jiġi varjati.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**